**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 52 – IT-TNEJN, 31 TA' AWWISU 2015 FL-10.15 AM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Assenti

| | |
|---|---|
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 50**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Approvazzjoni Minuti Numru 51**

2.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti.

2.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Punti li joħorġu mill-Minuti 50**

3.1 Rigward paragrafu 1.1 is-Sinjura Joan Farrugia staqsiet x'kienu l-allegazzjonijiet. Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li kienu allegazzjonijiet ta' korruzzjoni.

3.2 Rigward paragrafu 7.2 is-Sinjura Joan Farrugia staqsiet fuq l-ammont tat-topography. Is-Sindku nforma li dan ġie mwaqqaf temporanjament sakemm jiġu identifikati fondi ewropej li jistgħu jintużaw fuq il-Cart Ruts. Hi talbet biex il-Kunsill jibgħat ittra ta' ringrazzjament lill-Ministeru tal-Ambjent li qed inaddfu l-Cart Ruts mill-ħaxix ħażin. Kien hemm qbil fuq dan.

3.3 Rigward paragrafu 9.5 is-Sur Neville Mallia staqsa meta ser isir ix-xogħol fuq il-passaġġ fi Triq Ġużè Azzopardi. Ġie nfurmat li dan għandu jsir fix-xahar ta' Settembru.

3.4 Rigward paragrafu 9.3, is-Sur Trevor Fenech staqsa fuq il-kaxxa tal- parkeġġ fi Triq Sant'Antnin li nbidlet għal safra. Ġie nfurmat li din għandha terġa' ssir bajda.

3.5 Rigward paragrafu 9.4 is-Sur Malcolm Abdilla staqsa fuq il-linji sofor li jinsabu quddiem il-ħwienet fi Triq is-Santwarju. Hu ġie nfurmat li waħda minn dawn diġà nbidlet u l-oħajn ser jinbidlu.

**4 Pagamenti Numru 44**

4.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Trevor Fenech issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**5 Korrispondenza**

5.1 Ġiet innutata Memo 22/2015 Skema Inizjattivi Attivitajiet għal Diċembru 2015. Ġie deċiż li jsiru żewġ applikazzjonijiet għal Choir Competition u oħra ghal Christmas Parade.

5.2 Ġiet innutata r-risposta ta' TM fejn ma ġietx approvata t-talba biex Triq San Ġiljan tiġi aċċessata min-naħa ta' Mater Dei.

5.3 Il-Kunsill innota komunikazzjoni mill-Uffiċċju tal-AG fejn il-Kunsill huwa obbligat li jaċċetta bookings għal wardens TMS.

5.4 Kien hemm diskussjoni fuq email mill-KNPD rigward siġra li qed tkun ta' ostaklu fi Triq tas-Sliema. Ġie innutat li ftit 'il fuq minn din is-siġra hemm binja maħruġa l-barra li xorta tkun qed tostakola l-passaġġ. Għandha ssir laqgħa fuq il-post mal-ġardinar tal-Kunsill biex tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li s-siġra tiġi mnaqqsa biex ma jibqax l-ostaklu.

5.5 Il-Kunsill ikkunsidra t-talba tas-Security Services fi Triq in-Narċis biex ikollhom żewġ parkeġġi quddiemhom riżervati għalihom. Wara diskussjoni ġie deċiż li din it-talba ma tiġix aċċettata..

5.6 Kien hemm diskussjoni fuq il-proposta tan-Nextbike biex isiru erba' siti f'San Ġwann minn fejn jistgħu jinkrew ir-roti. Kien hemm qbil fuq dawn u għandha ssir site visit.

5.7 Il-Kunsill iddiskuta talba biex issir Sleeping Policeman fi Triq l-Ortolan. Ma kienx hemm qbil fuq din.

5.8 Ġie innutat li TM m'għamlet ebda rakkomandazzjoni fuq l-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq Ta' Żwejt. Ġie deċiż li tintalab petizzjoni lir-residenti li għamlet it-talba biex din it-triq issir One Way.

5.9 Ġie deċiż li l-Kunsill jidħol membru fl-Animal Guardians biex ikunu jistgħu jgħinu lill-Kunsill bin-neutering ta' qtates fit-toroq.

5.10 Kien hemm qbil fuq No Objection għall-Wirja ta' Karrozzi f'Misraħ Lourdes organizzata minn De Malte.

**6 Komunikazzjoni mis-Sindku**

.

6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa ma' Wirt San Ġwann fejn ġew diskussi numru ta' issues li jinkludu l-Cart Ruts u Cistina Ruman. Is-Sindku għandu jibgħat ittri lil numru ta' entitajiet governattivi rigward dawn il-heritage f'San Ġwann.

6.2 Il-Kunsill ġie nfurmat li TM talbu lill-Kunsill biex jitneħħa r-reserved parking minn Triq G Tayar. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu talabhom biex għalissa ma titneħħix qabel ma tittieħed deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-KNPD. Minkejja dan TM qabdet u ħassret dan ir-Reserved Parking. Is-Sindku ta ordni biex dan ir-reserved parking jerġaġ' jsir.

6.3 Kien hemm diskussjoni fuq il-Quarterly Accounts Marzu – Ġunju 2015. Il-Kunsill innota li kien hemm bilanċ pożittiv għal dan il-perjodu u kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati.

6.4 Ġiet innutata talba għal feedback mid-DLG rigward ħinijiet tal-ġbir ta' skart. Il-Kunsill qabel li l-ħinijiet f'San Ġwann għandhom jibqgħu hekk minħabba li mhux qed ikun sors tat-traffku. Il-Kunsill mhux kompitu li jagħti pariri fuq il-problema tat-traffiku li hija problema nazzjonali. Dan għandu jiġi kkomunikat lid-DLG.

6.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-WD kienu qed jippreparaw biex jagħmlu xogħol infrastrutturali f'Misraħ Lewża u l-Kunsill ma ġiex infurmat. Wara numru ta' emails, il-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħol ser jikkonsisti f'tibdil ta' parti minn bankina u tibdil ta' livelli kif ukoll qlugħ ta' parti mit-Tarmac u għotja ta' wiċċ ġdid tal-konkos b'livelli aktar għolja.

6.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għandha ssir laqgħa ma' Uffiċjal tal-Ministeru rigward l-appell tat-tender tal-knis Żona A nhar l-Erbgħa, 2 ta' Settembru 2015.

**7 Affarjiet Oħra**

7.1 Is-Sur Dominic Cassar tkellem fuq l-iżvillup illegalli li sar ħdejn il-Kappella tal-Propostru. Hu insista li għanda tittieħed aktar azzjoni.

7.2 Is-Sinjura Marica Bayliss talbet biex:

issir reminder fuq il-camera li għandha ssir tal-Mensija;

issir talba biex un/loading quddiem il-Maypole tiċċaqlaq għal Triq Carmen Mallia;

il-Kunsill jibda jieħu ritratti ta' nies jarmu l-boroż tar-rubbish illegali u dawn ir-ritratti jgħaddu għand il-pulizija;

isir embellishment fis-soft area fi Triq G Tayar u oħra fejn il-Kappella tal-Propostru;

tintbagħat ittra legali lill-WSC għall-ħsara li sar fi Ġnien G Preca u fi Triq Birkirkara;

tintbagħat ittra lill-GPD biex tiġi kkonfermata li Pinto għandu permess għat-tables and chairs; u

infurmat lill-Kunsill li Ta' Kana jixtiequ jħawwlu siġar f'San Ġwann.

7.2.1 Kien hemm qbil fuq dawn l-affarjiet imsemmija.

7.3 Is-Sinjura Joan Farrugia għamlet referenza għal talba mid-DLG biex jiġu infurmati b'niċeċ fil-lokal. Għanda tintalab din l-informazzjoni lis-Sur Salvatore Mousù.

7.4 Is-Sur Trevor Fenech ġab għall-attenzjoni li qed ikun hemm muturi bi pjanċi barranin ipparkjati illegali fi Triq Santa Margerita. Ġie deċiż li ssir ittra lill-Pulizija u lill-TM kif ukoll lill-MTA rigward permessi biex jinkrew dawn il-flats.

7.5 Is-Sinjura Rita Saliba nfurmat lill-Kunsill li hemm rapport li waqa’ xi ħajt fejn il-ġibjun. Hi nfurmat il-Kunsill ukoll li Eat Me I'm Famous qed iħalli ħafna boroż barra. Għandha tinbagħat ittra lilhom.

7.6 Is-Sur Malcolm Abdilla nforma lill-Kunsill li hemm garage fi Triq il-Mensija li hu mimli boroż tar-rubbish. Għandha tintbagħat ittra lis-Sanità.

7.7 Is-Sur Mikhail Micallef tkellem fuq korrispondenza li rċieva mingħand is-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ rigward qtates barra f'Ta' Żwejt. Għandhom jiġu nfurmati li l-Kunsill daħal membru mal-Animal Guardians u għandu jinbeda programm ta' neutering.

**8 Għeluq il-Laqgħa**

8.1 Il-laqgħa spiċċat fl-12.00pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 28 ta' Settembru 2015 fil-5.30pm.

________________________ ________________________

**Kurt Guillaumier** **Etienne Bonello Du Puis**